VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,581, 26 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 202 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2012 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenza tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 31 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Il-Kors għandu jinfirex fuq erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time*."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu, li minnhom 60 krettu huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 60 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw Proġett Finali fil-qasam tad-*Digital Arts* u dissertazzjoni individwali ta' mhux aktar minn 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Kull dissertazzjoni tkun assenjata superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titolu provviżorju għall-Proġett Finali u għad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu sottomessi lill-Bord għall-approvazzjoni sal-aħħar tat-tieni semestru tal-Kors.

(4) L-istudenti huma meħtieġa li jorganizzaw b'mod kollettiv wirja pubblika tal-grad fejn jintwerew il-Proġetti Finali kollha fl-aħħar tar-raba' semestru tal-Kors.

It-Tħassir tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.